Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 235/2014AE

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**Joseph Portelli u martu Doris Portelli u Carmen Portelli**

7 ta' Ottubru, 2016.

**Preliminari.**

Permezz ta' rikors prezentat fil-21 ta' Marzu 2014, il-bank attur ippremetta u talab:-

> *1. Illi in forza ta' kuntratt tat-13 ta' Gunju 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia, il-Bank attur ta facilitajiet bankarji lill-kumpannija Pirella Supermarkets Limited [C13427] konsistenti f'overdraft facility* ghas-somma ta' sebghin elf lira Maltija (Lm70,000) ekwivalenti ghal mija u tlieta u sittin elf, u sitta u hamsin euro u erbatax-il centezmu (€163,056.14) (Dok. A);
>
> 2. Illi in forza tal-istess kuntratt, il-konvenuti Joseph Portelli, martu Doris Portelli u binthom Carmen Portelli ikkostitwew ruhhom garanti solidali mal-imsemmija kumpanija debitrici principali favur il-Bank attur ghall-hlas tal-imsemmija somma kapitali u tal-imghax;
>
> 3. Illi in forza ta' kuntratt tas-27 ta' Novembru 1993 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia, il-Bank attur ta facilitajiet bankarji addizzjonali lill-kumpannija Pirella Supermarkets Limited billi zied l-*overdraft facility b'mitt elf lira Maltija (Lm100,000) ohra, ghas-somma ta' mija u sebghin elf lira Maltija (Lm170,000) ekwivalenti ghal tliet mija u hamsa u disghin elf, disa' mija u tlieta u disghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€395,993.48) (Dok. B);*
>
> *4. Illi in forza tal-istess kuntratt, il-konvenut Joseph Portelli, martu Doris Portelli binthom Carmen Portelli ikkostitwew rwiehom garanti solidali mal-imsemmija kumpannija debitrici principali favur il-Bank attur ghall-hlas tal-imsemmija somma kapitali kif mizjuda u ghal hlas tal-imghax;*
>
> *5. Illi permezz ta' kuntratt tas-6 ta' Gunju 1996 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, il-Bank attur rega' ta facilitajiet bankarji addizzjonali lill-kumpannija Pirella Supermarkets Limited billi zied l-overdraft facility b'mitejn u erbghin elf lira Maltija (Lm240,000) ohra, ghas-somma komplessiva ta' erba' mija u ghaxart elef lira Maltija (Lm410,000) ekwivalenti ghal disa' mija u hamsa u hamsin elf, tlieta u erbghin euro u disa' centezmi (€955,043.09) (Dok. C), ghal liema somma addizzjonali kkostitwew ruhhom garanti solidali mal-kumpannija u solidament bejniethom il-konvenuti Joseph u Doris konjugi Portelli biss;*
>
> *6. Illi, sussegwentement in konnessjoni mal-imsemmi 'overdraft', b'kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, il-kumpannija Pirella Supermarkets Limited ikkostitwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici tal-Bank attur fl-ammont ta' disa' mija, erba' u disghin elf, disa' mija u sebgha u tmenin lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm994,987.77), ekwivalenti ghal zewg miljuni, tliet mija u sbatax-il elf, sitt mija u tmienja u disghin euro u erba' centezmi (€2,317,698.04) dovuta in kwantu ghal disa' mija u sebghin elf, disa' mija u sittin lira Maltija u tletin centezmu (€970,960.30) ekwivalenti ghal zewg miljuni, mitejn u wiehed u sittin elf, seba' mija u disgha u ghoxrin euro u disa' centezmi (€2,261,729.09) bhala kapital u in kwantu ghar-rimanenti erbgha u ghoxrin elf, u sebgha u ghoxrin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm24,027.47) ekwivalenti ghal*

*hamsa u hamsin elf, disa' mija u tmienja u sittin euro u hamsa u disghin centezmu (€55,968.95) bhala imghax ikkalkulat sad-data tal-istess kuntratt, u cioe' sat-28 ta' Jannar 2002, filwaqt li Joseph u Doris konjugi Portelli kkostitwew ruhhom garanti solidali mal-kumpannija (Dok. D);*

*7. Illi permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 18 ta' Mejju 2010, l-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu gie rez ezekuttiv kemm kontra l-kumpannija Pirella Supermarkets Limited bhala debitrici principali (Dok. E), kif ukoll kontra l-konvenuti Joseph u Doris Portelli bhala garanti solidali (Dok. G);*

*8. Illi l-kapital ghadu kollu dovut sallum, filwaqt li sat-30 ta' Settembru 2013, l-imghax legali zdied ghas-somma ta' miljun, tliet mija u tnax-il elf, hames mija u sitta u erbghin euro u hamsa u disghin centezmu (€1,312,546.95) u dan kif jirrizulta mill-istatement anness bhala Dok. F;*

*9. Illi ghaldaqstant, il-konvenuti Joseph u Doris konjugi Portelli, solidalment bejniethom, huma debituri tal-Bank attur bhala garanti solidali mal-kumpannija debitrici principali fis-somma ta' zewg miljuni, mitejn u wiehed u sittin elf, seba' mija u disgha u ghoxrin euro u disa' centezmi (€2,261,729.09) bhala kapital u s-somma ta' miljun, tliet mija u tnax-il elf, hames mija u sitta u erbghin euro u hamsa u disghin centezmu (€1,312,546.95) bhala imghax ikkalkulat sat-30 ta' Settembru 2013, kif ukoll ghall-hlas tal-imghax relattiv mill-1 ta' Ottubru 2013 sad-data tal-pagament effettiv; filwaqt li l-konvenuta Carmen Portelli hija debitrici tal-Bank bhala garanti solidali mal-kumpannija debitrici principali fis-somma ta' tliet mija u hamsa u disghin elf, disa' mija u tlieta u disghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€395,993.48) bhala kapital ai termini taz-zewg kuntratti fuq imsemmija tat-13 ta' Gunju 1992 u tas-27 ta' Novembru 1993 (Dok. A u Dok. B) u s-somma ta' elfejn, tlett mija u hamsa u sebghin euro u sitta u disghin centezmu (€2,375.96) bhala imghax ikkalkulat sas-17 ta' Frar 2014, kif ukoll ghall-hlas tal-imghax relattiv mit-18 ta' Frar 2014 sad-data tal-pagament effettiv;*

*10. Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati biex ihallsu, Joseph u Doris konjugi Portelli permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Mejju 2010, u Carmen Portelli permezz ta' ittra bonarja datata 21 ta' Jannar 2014, hawn annessi bhala Dok. G u H, baqghu inadempjenti;*

Għaldaqstant, il-bank attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*(i) Tiddikjara li l-konvenuti Joseph u Doris konjugi Portelli huma debituri tal-Bank attur bhala garanti solidali mal-kumpannija Pirella Supermarkets Limited fis-somma ta' zewg miljuni, mitejn u wiehed u sittin elf, seba' mija u disgha u ghoxrin euro u disa' centezmi (€2,261,729.09) bhala kapital u fis-somma ta' miljun, tliet mija u tnax-il elf, hames mija u sitta u erbghin euro u hamsa u disghin centezmu (€1,312,546.95) bhala imghax ikkalkulat sat-30 ta' Settembru, 2013, bl-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2013 sad-data tal-pagament effettiv;*

*(ii) Tiddikjara li l-konvenuta Carmen Portelli hija debitrici tal-Bank attur bhala garanti solidali mal-kumpannija Pirella Supermarkets Limited fis-somma ta' tliet mija u hamsa u disghin elf, disa' mija u tlieta u disghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€395,993.48) bhala kapital u fis-somma ta' elfejn, tlett mija u hamsa u sebghin euro u sitta u disghin centezmu (€2,375.96) bhala imghax ikkalkulat sas-17 ta' Frar 2014, bl-imghax ulterjuri mit-18 ta' Frar 2014 sad-data tal-pagament effettiv;*

*(iii) Tikkundanna lill-konvenuti Joseph u Doris konjugi Portelli, bhala garanti solidali mal-kumpannija Pirella Supermarkets Limited sabiex ihallsu lill-Bank attur, solidalment bejniethom l-imsemmija somma ta' zewg miljuni, mitejn u wiehed u sittin elf, seba' mija u disgha u ghoxrin euro u disa' centezmi (€2,261,729.09) bhala kapital kif fuq spjegat, u inoltre' biex ihallsu wkoll lill-Bank attur is-somma ta' miljun, tliet mija u tnax-il elf, hames*

*mija u sitta u erbghin euro u hamsa u disghin centezmu (€1,312,546.95) bhala imghax ikkalkulat sat-30 ta' Settembru 2013, bl-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2013 sad-data tal-pagament effettiv;*

*(iv) Tikkundanna lill-konvenuta Carmen Portelli, bhala garanti solidali mal-kumpannija Pirella Supermarkets Limited sabiex thallas lill-Bank attur l-imsemmija s-somma ta' tliet mija u hamsa u disghin elf, disa' mija u tlieta u disghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€395,993.48) bhala kapital u inoltre' biex thallas ukoll lill-Bank attur is-somma ta' elfejn, tlett mija u hamsa u sebghin euro u sitta u disghin centezmu (€2,375.96) bhala imghax ikkalkulat sas-17 ta' Frar 2014, bl-imghax ulterjuri mit-18 ta' Frar 2014 sad-data tal-pagament effettiv, kif fuq spjegat;*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Mejju 2010 u l-imghax legali kif fuq mitlub, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Permezz ta' risposta prezentata fil-11 ta' April, 2014, il-konvenuti Portelli wiegbu:-

*1. Illi l-konvenuti Joseph Portelli u Doris Portelli preliminarjament wiegbu li din il-kawza saret fil-konfront taghhom inutilment, billi l-Bank attur diga' ghandu titolu ezekuttiv fil-konfront taghhom, kif del resto jirrikonoxxi l-istess Bank fis-seba' paragrafu tar-rikors mahluf tieghu, u ghalhekk l-ispejjez relattivi ghandhom jigu in ogni caso akkollati lill-Bank attur;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuta Carmen Portelli inhelset mill-garanzija li fuqha hija bbazata l-azzjoni tal-Bank attur, u dan stante novazzjoni li sehhet b'effett ta' l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu ppubblikat fit-28 ta' Jannar 2002 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Pierre Cassar;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti nhelsu mill-garanzija li fuqha hija bbazata l-azzjoni tal-Bank attur, u dan stante novazzjoni li sehhet b'effett ta' ftehim sussegwenti datat 14 ta' April 2004 bejn il-Bank attur u l-kumpannija Pirella Supermarkets Limited;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuti ghandhom jinhelsu mill-obbligazzjoni taghhom ta' garanzija stante li s-surroga fil-jeddijiet, ipoteki u privileggi tal-Bank attur ma tistax issir, bi htija ta' l-istess Bank attur, u dan inter alia stante li, kif se jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza, il-Bank attur irriduca u kkancella l-ipoteki tieghu fil-konfront tal-kumpannija Pirella Limited, li hija wkoll garanti ta' l-istess dejn, u dan ai termini ta' l-Artikolu 1959 tal-Kodici Civili;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-helsien tal-kumpannija Pirella Limited mill-obbligu taghha ta' garanzija sar minghajr il-kunsens tal-konvenuti, u ghalhekk dak il-helsien ghandu jiswa lilhom sas-sehem li l-istess kumpannija Pirella Limited kellha d-dmir li thallas, kif irid l-Artikolu 1960 tal-Kodici Civili;*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba tal-Bank attur ghall-hlas ta' l-imghaxijiet hija fi kwalunkwe kaz preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(d) tal-Kodici Civili;*

*7. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, il-Bank attur ghandu jressaq il-prova li l-ammonti minnu pretizi huma dovuti minn kull wiehed mill-konvenuti;*

Il-qorti semghet il-provi, rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet, u semghet it-trattazzjoni.

**Kwistjoni.**

Il-bank attur harrek:

1. Lill-konjugi Portelli ghas-somma ta' €2,261,729.09 kapital u €1,312,546.95 imghax kalkolat sat-30 ta' Settembru 2013, u dan bhala garanti solidali ta' Pirella Supermarkets Limited.
2. Lill-konvenuta l-ohra ghas-somma ta' €395,99348 kapital u €2,375.96 imghax kalkolat sas-17 ta' Frar 2014, u dan bhala garanti solidali ta' Pirella Supermarkets Limited.

**Konsiderazzjoni**.

1. Pretensjoni fil-konfront tal-konjugi Portelli.

   **L-ewwel eccezzjoni.**

   Il-konjugi Portelli iddikjaraw li fil-konfront taghhom il-bank ghandu titolu ezekuttiv, u ghalhekk isostnu li l-kawza saret bla bzonn.

   F'kuntratt pubbliku ffirmat fit-28 ta' Jannar 2002 u pubblikat min-nutar Dr Pierre Cassar, jinghad:

   > *"Now therefore by virtue of this deed the company[1] constitutes itself real, certain and liquid debtor in favour of the Bank which accepts in the sum of*
   >
   > *nine hundred and seventy thousand nine hundred and sixty lira thirty cents (Lm970,960.30) by way of capital and twenty four thousand and twenty seven lira forty seven cents (Lm24,027.47) by way of debt accrued interest to date with regards to the overdraft account; and*
   >
   > *thirty thousand and twenty five lira ninety one cents (Lm30,025.91) by way of capital and seven hundred and thirty nine lira ninety four cents (Lm739.94) by way of debt interest accrued to date with regards to the loan account."*

   Fuq l-att deheru wkoll il-konjugi Portelli u Pirella Limited bhala garanti u jinghad:

   > *"Moreover in order to better secure the payment of the capital and the payment of interest and the faithful performance of the obligations assumed by the company on this deed the* ***sureties constitute themselves joint and several sureties with the company*** *and secures this suretyship….."*

[1] Pirella Supermarkets Limited.

Il-kuntratt hu titolu ezekuttiv. Fatt maghruf ghall-bank tant li fit-18 ta' Mejju 2010 ipprezenta ittra ufficjali kontra l-konjugi Portelli sabiex jirrendi l-imsemmi kuntratt ezegwibbli (fol. 28)[2]. Il-bank jaccetta li ghandu titolu ezekuttiv kontra l-konjugi Portelli (ara paragrafu 3.1.2 tan-nota ta' sottomissjonijiet). F'dan il-kaz ma kienx hemm htiega sabiex jigi ddikjarat li d-debitur iddekada mill-beneficcju tat-terminu, gialadarba fil-kuntratt ma jissemmiex terminu li fih kellu jsir il-hlas. Ghalhekk il-hlas kien dovut minnufih. Il-bank isostni li huwa harrek lill-konvenuti minhabba li hemm gurisprudenza li ssostni li f'kaz li l-ammont pretiz ikun qieghed jigi kkontestat, hemm htiega li l-kreditur iharrek lid-debitur. F'dan ir-rigward ghamel riferenza ghall-kawza **Lombard Bank Malta plc vs Eurimpex Ltd et**, deciza mill-Prim'Awla fis-7 ta' Ottubru 2005, fejn il-qorti qalet li l-bank kien gustifikat li jharrek lid-debitur ladarba kien hemm kontestazzjoni dwar il-quantum tal-kapital u imghax.

Fit-twegiba, il-konjugi Portelli jsostnu li m'humiex debituri tal-bank ghaliex:

i. Bi ftehim tal-14 ta' April 2004 li sar bejn l-attur u Pirella Supermarkets Limited, huma nhelsu mill-garanzija ghaliex dak il-ftehim ta lok ghal novazzjoni;
ii. Huma ghandhom jinhelsu mill-garanzija *ai termini* tal-Artikolu 1959 tal-Kodici Civili peress li l-bank irriduca u hassar l-ipoteki tieghu kontra Pirella Limited, li kienet garanti ohra parti fuq il-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002.
iii. Il-konvenuti ma tawx il-kunsens taghhom ghall-helsien ta' Pirella Limited, kif jezigi l-Artikolu 1960 tal-Kodici Civili.
iv. It-talba ghall-hlas ta' imghax hi preskritta skond l-Artikolu 2156(d) tal-Kodici Civili.

Ladarba l-konjugi Portelli jikkontestaw li huma debituri tal-bank, il-qorti ma tistax taqbel li l-kawza saret inutilment. L-argumenti li pproponew il-konvenuti, b'mod partikolari eccezzjonijiet numru 4 u 5 huma eccezzjonijiet fil-meritu li ghandhom jigu trattati u decizi f'kawza u mhux fil-procedura kontemplata fl-Artikolu 258 tal-Kap. 12 li hi procedura partikolari.

**<u>Tielet Eccezzjoni – Saret novazzjoni bil-ftehim tal-14 ta' April 2004.</u>**

Dak li l-konvenuti jirreferu ghalih bhala ftehim mhu xejn ghajr ittra tal-bank lil Pirella Supermarkets Limited (fol. 49) fejn gie ddikjarat li l-bank kien dispost li jaccetta s-somma ta' Lm880,000 ghas-saldu, diment li l-pagamenti li jissemmew fl-ittra jsiru fid-dati li jissemmew. Fiha jinghad ukoll li: "*This arrangement is also subject to the Bank not being constrained to review its position due to any unforeseen circumstances.*" Din il-materja diga' giet

[2] Fl-ittra ufficjali l-bank gharraf lill-konvenuti li jekk ma jhallsux "*.... ser jittiehdu passi ulterjuri bil-Qorti kontra taghkom in ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv tieghu minghajr ebda pre-avviz iehor.*"

trattata u deciza fil-kaz **HSBC Bank Malta plc vs Pirella Supermarkets Limited** (829/2011), mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tad-29 ta' April, 2016. F'dawk il-proceduri li saru biex il-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002 jerga' jigi rez ezegwibbli, is-socjeta intimata pproponiet l-istess eccezzjoni. Il-Qorti tal-Appell kkonkludiet li l-ittra tal-14 ta' April 2004 ma tatx lok ghal novazzjoni. Wara li ghamlet riferenza ghall-provvedimenti tal-ligi dwar novazzjoni u wkoll gurisprudenza, il-qorti osservat:

> *"Applikati dawn il-principji rizultanti mill-gurisprudenza nostrana ghall-kaz odjern, jinghad li ma tirrizultax l-inkompatibilta` assoluta vantata mill-appellanti bejn il-kuntratt notarili u l-ittra mahruga mill-Bank,* ***in kwantu din tal-ahhar hija meqjusa semplicement bhala modalita` ta' hlas ta' kif jista' jinqatghu l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. L-istess ittra bl-ebda mod ma tista' tittiehed li toqtol dawk l-obbligazzjonijiet, izda se mai ghandha tittiehed bhala modifika fil-metodu ta' hlas*** *u koncessjoni ta' tnaqqis fl-ammont li kellu jithallas, aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li l-Bank assoggetta din il-proposta ghal-kundizzjoni sospensiva, kif gustament irriteniet l-ewwel Qorti. Fi kwalunkwe kaz, kif tirrileva l-istess debitrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, huwa gurisprudenzjalment ritenut li dilazzjoni fil-hlas ma jikkostitwix novazzjoni. Kien ghalhekk li dik il-Qorti qalet li l-ittra tal-2004 ma kienitx tikkomporta l-estinzjoni tal-obbligazzjoni originali jew kostituzzjoni ta' dejn gdid, izda li d-dejn baqa' l-istess wiehed."*

Ragunament li jirrifletti proprju dak li qalet din il-qorti fis-sentenza tat-12 ta' April 2012. Il-qorti m'ghandhiex x'izzid ma' dak li qalet il-Qorti tal-Appell u dak li qalet hi stess fl-imsemmija sentenza, li japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz tal-lum.

**<u>Raba' eccezzjoni – il-konjugi Portelli ghandhom jinhelsu mill-garanzija b'applikazzjoni tal-Artikolu 1959 tal-Kodici Civili.</u>**

L-Artikolu 1959 jipprovdi:

> *"Il-garanti, ukoll jekk obbligat in solidum, huwa mehlus jekk is-surroga fil-jeddijiet, ipoteki u privileggi tal-kreditur ma tkunx tista' ssir favur tiegħu bi htija tal-kreditur."*

Min ihallas dejn ta' haddiehor, jidhol fil-jeddijiet tal-kreditur permezz ta' konvenzjoni jew b'disposizzjoni tal-ligi (Artikolu 1164 tal-Kodici Civili). Skont l-l-Artikolu 1945 tal-Kodici Civili:

> *"Il-garanti li jhallas id-dejn, jidhol ipso jure fil-jeddijiet kollha li l-kreditur* ***kellu kontra d-debitur****; bla hsara ta' dak li jinghad fl-artikolu 1167 jekk mid-dejn tkun thallset bicca biss."*[3]

L-ilment tal-konjugi Portelli hu li:

---

[3] Id-disposizzjoni ma tghidx "*fil-jeddijiet kollha li l-kreditur kellu kontra d-debitur u* ***garanti"***.

*"….il-Bank ikkancella l-ipoteki moghtija lilu fuq din il-proprjeta u rrilaxxa lill-istess kumpannija Pirella Limited mill-fidejussjoni taghha. Dan kollu jirrizulta car kemm mill-kuntratt tas-16 ta' Gunju 204 ricevut min-nutar Pierre Cassar, u kemm milliskrizzjonijiet ezebiti a folio 85 et sequens."*[4]

Jirrizulta:

i. Fil-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002, deheret ukoll Pirella Limited u flimkien mal-konjugi Portelli kkostitwiet ruhha garanti flimkien mal-konjugi Portelli ghad-dejn ta' Pirella Supermarkets Limited. Pirella Limited tat ukoll ipoteka specjali fuq zewg proprjetajiet.

ii. B'kuntratt tas-16 ta' Gunju 2005 (fol. 60), il-bank kien ta l-kunsens tieghu sabiex Pirella Limited ma tibqax garanti solidali tas-socjeta attrici[5]. B'dak l-att Pirella Limited bieghet id-dar Pirella, Triq Sant Elija, Fgura li fuqha kien hemm ipoteka specjali bis-sahha tal-att pubblikat fit-28 ta' Jannar 2002. Ghal Pirella Limited deher il-konvenut Joseph Portelli.

Ghaldaqstant, il-liberazzjoni ta' Pirella Limited bhala garanti saret bil-kunsens ta' Joseph Portelli. Hu veru li Joseph Portelli ma ffirmax il-kuntratt f'ismu personali. Madankollu kien prezenti u ffirmah. Ghalhekk kien infurmat b'dak kollu li kien qieghed jigri. Li kieku bhala garanti ma kienx jaqbel ma' dak li sar, kien jirrifjuta li jiffirma l-kuntratt tas-16 ta' Gunju 2005. Minghajr il-firma tieghu ma seta' jsir xejn. Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-bank heles lill-Pirella Limited mhux fuq inizjattiva pesonali tieghu jew bi zball, izda fuq talba ta' Joseph Portelli. Li s-surroga ma tkunx tista' ssir favur garanti *"bi htija tal-kreditur"*, tfisser negligenza jew att illecitu tal-kreditur. Cirkostanzi li zgur li ma jezistux fil-konfront tal-konjugi Portelli. Pirella Supermarkets Limited u Pirella Limited huma kumpanniji ta' Joseph Portelli u ghalhekk dak li ghamel Portelli kien fl-interess tieghu, ta' martu u tal-kumpanniji tieghu.

F'kull kaz hi l-fehma tal-qorti li l-Artikolu 1959 japplika fir-rigward tal-jeddijet, ipoteki u privileggi li ghandu l-kreditur kontra d-debitur (Pirella Supermarkets Limited). Il-qorti tibbaza dan ir-ragunament fuq il-konsiderazzjoni li:

i. l-Artikolu 1959 jipprovdi: *"Il-garanti, ukoll jekk obbligat in solidum…."* Garanti jkun obbligat *in solidum* mad-debitur principali.
ii. Taqbel perfettament ma' dak li nghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Alfred Tonna vs Calcedonio Fava et** tal-25 ta' Ottubru 1941 (Vol. XXXI.iii.196) fejn inghad: *"Il-fundament ta' din id-disposizzjoni* (Art. 1959) *hu li l-garanti, kemm il-darba jkollu jhallas ghad-debitur,* ***jaf illi jkollu s-surrogazzjoni tad-drittijiet tal-kreditur kontra d-debitur****. U ghalhekk huwa jaf illi meta ppresta l-*

[4] Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti (ara fol. 199).
[5] Fuq l-att ta' Jannar 2002, Pirella Limited iggarantiet id-dejn flimkien mal-konjugi Portelli.

*garanzija ha konsiderazzjoni tad-drittijiet li l-kreditur kellu* ***kontra d-debitur****, li fihom jigi surrogat fil-kaz illi jkun konstrett ihallas ghalih."*

iii. F'kaz fejn hemm kogaranti, m'huwiex logiku li fejn per ezempju l-kreditur jikkancella ipoteka fil-konfront ta' wiehed mill-garanti, il-garanti l-iehor jippretendi li jinheles mill-garanzija billi jinvoka l-Artikolu 1959 tal-Kodici Civili. Dan meta tqies li skont l-Artikolu 1949[6] meta tnejn min-nies jew iktar ikunu garanti tal-istess debitur u ghall-istess dejn, il-garanti li jhallas id-dejn ghandu l-azzjoni ta' regress kontra l-garanti l-ohra **ghas-sehem li kull wiehed ghandu jhallas u xejn iktar**. L-istess fil-kaz ta' surroga favur wiehed mill-kogaranti. Ghalhekk f'dan ix-xenarju il-garanti li jhallas, l-iktar li kien ikollu dritt jirkupra minghand il-garanti li kellu l-ipoteka kancellata mill-kreditur, kien is-sehem ta' dak il-garanti u xejn iktar. Ma jaghmilx sens li f'xenarju bhal dak il-garanti jinheles ghal kollox.

**<u>Hames eccezzjoni – il-helsien tal-garanzija sar minghajr il-kunsens tal-konvenuti, u ghalhekk japplika l-Artikolu 1960 tal-Kodici Civili</u>**.

L-Artikolu 1960 tal-Kodici Civili jipprovdi:

> *"Jekk il-kreditur jehles wiehed mill-garanti tieghu minghajr il-kunsens tal-ohrajn, dan il-helsien jiswa lill-garanti l-ohra sas-sehem tal-garanti li jkun gie hekk mehlus."*

Bil-kuntratt tas-16 ta' Gunju 2005, il-bank heles wiehed mill-garanti tieghu. Ladarba l-qorti diga' kkonkludiet li dan sehh bil-kunsens tal-konjugi Portelli, li m'ghandhiex iktar x'izzid ma' dak li diga' qalet fir-rigward tar-raba' eccezzjoni.

**<u>Is-sitt eccezzjoni – preskrizzjoni fuq l-imghax.</u>**

L-Artikolu 2156()d) jipprovdi li *"l-azzjonijiet ghall-hlas ta' mghaxijiet ta' somom mehuda b'self jew that titolu iehor…"*, jaqghu bi preskrizzjoni ta' hames snin. Mill-provi rrizulta li:

i. Fl-4 ta' Dicembru 2009 sar pagament ta' €20,000, li gie mputat ghall-imghax.
ii. Fit-18 ta' Mejju 2010 il-bank ipprezenta ittra ufficjali kontra l-konjugi Portelli, li giet notifikata fl-24 ta' Mejju 2010 (fol. 28).
iii. Fil-21 ta' Marzu 2014 il-bank ipprezenta l-kawza.

Zgur ghalhekk li l-azzjoni ghall-imghax m'hijiex preskritta fil-konfront tal-konjugi Portelli.

[6] *"(1) Meta zewg persuni jew izjed ikunu dahlu garanti ta' l-istess debitur u ghall-istess dejn, il-garanti li jhallas id-dejn ghandu jedd idur kontra dawk l-ohra li jkunu garanti mieghu, kull wiehed minnhom ghas-sehem tieghu."*

**Is-seba eccezzjoni 7 – l-attur ghandu jressaq prova li l-ammont pretiz hu dovut[7].**

Prova li saret minn xhieda u dokumenti li pprezenta l-attur.

2. Pretensjoni fil-konfront ta' Carmen Portelli.

B'kuntratt tas-27 ta' Novembru 1993 pubblikat min-nutar Joseph Lia (fol. 11), il-bank zied il-facilita' overdraft li kellha Pirella Supermarkets Limited ghas-somma ta' Lm170,00 (€395,993). Fuq l-att deher ukoll Joseph Personali f'ismu u f'isem martu u Carmen Portelli bhala garanti solidali. Il-bank harrek lill-Carmen Portelli ghal din is-somma flimkien mal-imghax, u hi ssostni li m'hijiex debitrici tal-bank ghaliex:

**Tieni eccezzjoni - Inhelset mill-garanzija b'novazzjoni li saret bis-sahha tal-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002 pubblikat min-nutar Dr Pierre Cassar.**

Il-konvenuta ssostni li l-obbligazzjoni li ttirrizulta mill-kuntratti tat-13 ta' Gunju 1992 u 27 ta' Novembru 1993 inqatlet permezz tal-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002. Carmen Portelli ma kinitx parti ghall-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002 u lanqas biss tissemma. Inoltre, l-bank qatt ma ddikjara li qieghed jirrikonoxxi xi debituri godda minflok Carmen Portelli.

L-Artikolu 1180(2) tal-Kodici Civili jipprovdi li novazzjoni:

> *"Hija **mhix** prezunta; l-intenzjoni ssir ghandha tidher bic-car."*

Is-somma oggett tal-kuntratt tas-27 ta' Novembru 1993 hi nkluza fl-ammont oggett tal-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002. Skond l-Artikolu 1188(2) tal-Kodici Civili:

> *"In-novazzjoni li ssir favur id-debitur principali tehles lill-garanti."*

Il-qorti ma taqbilx li Carmen Portelli nhelset mill-garanzija. Bejn il-kuntratt tas-27 ta' Novembru 1993 u l-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002, fis-6 ta' Gunju 1996 sar kuntratt iehor li bih l-*overdraft facility* ta' Pirella Supermarkets Limited zdiedet bis-somma ta' Lm240,000 ohra. Eventwalment id-debitur principali kienet moruza u fit-28 ta' Jannar 2002 gie ppubblikat kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. Pero' id-dejn kostitwit bil-kuntratt tas-27 ta' Novembru 1993 hemm baqa'. Tant hu hekk li fil-preliminari tal-kuntratt jissemma dak id-dejn u dejn iehor li jirrizulta minn kuntratti ohra. Kull ma sar bil-kuntratt tat-28 ta' Jannar 2002 hu li s-socjeta konvenuta ddikjarat li hi debitrici tal-bank fl-ammonti li jissemmew fil-kuntratti, fosthom dak tas-27 ta' Novembru 1993. Tant hu hekk li wara li ssemmew il-kuntratti li minnhom jirrizulta l-kreditu tal-bank, jinghad: *"And whereas the bank has requested the company to* ***constitute itself a certain and liquid debtor for the sums abovementioned, granted to it***

[7] Fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-konvenuti ddikjaraw li ser jikkumentaw biss ghal dak li jikkoncerna Carmen Portelli.

***by the Bank."*** L-obbligazzjoni originali, dik li tirrizulta mill-kuntratt tas-27 ta' Novembru 1993 u ohrajn, kienet u baqghet l-istess. Semplicement issemmiet f'kuntratt fejn ingabru l-obbligazzjonijiet kollha ta' Pirella Supermarkets Limited u ddikjarat li hi: *"... certain and liquid debtor in favour of the Bank which accepts in the sum of ......."* Dikjarazzjoni li ma qatlitx l-obbligazzjoni originali izda biss ikkristallizzat l-ammont li kien dovut mid-debitur fid-data li gie ppubblikat il-kuntratt. Tant m'hemm novazzjoni li fil-kuntratt jinghad espressament: ***"This constitution of a debt is not to be understood as an additional liability of the company towards the Bank."*** Kliem li jkompli jsahhah il-fehma tal-qorti li l-partijiet qatt ma kellhom l-intenzjoni li ssehh novazzjoni. Il-konvenuta ghamlet riferenza ghal dik il-parti tad-deposizzjoni ta' Dr Eric Mamo fejn xehed li, *".... mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, l-overdraft spicca mix-xena."*[8] B'daqshekk ma jfissirx li sehhet novazzjoni. Fil-fatt l-Artikolu 1181 tal-Kodici Civili jipprovdi: *"ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla."* Ladarba ma sehhitx novazzjoni, il-garanti ma nhelsitx[9].

**Tielet eccezzjoni – Inhelset mill-garanzija minhabba novazzjoni li sehhet bil-ftehim tal-14 ta' April 2004**.

Fil-konfront ta' din il-konvenuta, japplika *mutatis mutandis* dak li diga' nghad fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

**Raba' eccezzjoni – Ghandha tinheles minn garanti skond l-Artikolu 1959 tal-Kodici Civili ghaliex l-attur heles lill-Pirella Limited minn garanti.**

L-Artikolu 1959 jipprovdi:

> *"Il-garanti, ukoll jekk obbligat in solidum, huwa mehlus jekk is-surroga fil-jeddijiet, ipoteki u privileggi tal-kreditur ma tkunx tista' ssir favur tiegħu bi htija tal-kreditur."*

Dak li nghad li dan il-provvedimenti japplika fir-rigward ta' surroga fid-drittijiet tal-kreditur kontra d-debitur, japplika wkoll ghal din il-konvenuta. L-ipoteki li thassru ma kinux tad-debitur (Pirella Supermarkets Limited). Dan apparti li din il-qorti taqbel ma' dak li ntqal fis-sentenza **Tonna vs Fava et**[10] fir-rigward tal-Artikolu 1959, li:

*"... hija tacita l-intenzjoni tal-partijiet, cjoe' tal-kreditur u tal-garanti, illi l-kreditur ghandu jikkonserva d-drittijiet li ghandu kontra d-debitur, sabiex meta jkun hemm bzonn il-garanti jaghmel uzu minnhom. Id-drittijiet illi l-kreditur huwa obbligat li jassikura kontra d-debitur huma dawk li kienu jezistu meta saret il-garanzija, u mhux ukoll dawk li seta jakkwista wara, benke'*

---

[8] Fol. 98.

[9] L-Artikolu 1188(2) tal-Kodici Civili jipprovdi: *"In-novazzjoni li ssir favur id-debitur principali tehles lill-garanti."*

[10] Citata iktar qabel.

*hemm xi awturi li jsostnu illi l-kreditur huwa wkoll obbligat li jassikura favur il-garanti anki dawn id-drittijiet."*

Meta Carmen Portelli tat il-garanzija, Pirella Limited ma kinitx garanti. Dan ifisser li l-garanzija li tat Carmen Portelli ma kienet bl-ebda mod kollegata ma' dik li snin hafna wara tat Pirella Limited. Ma kien hemm l-ebda nteress komuni bejn il-garanzija li tat Portelli u dik ta' Pirella Limited. Kienet tkun differenti s-sitwazzjoni kieku Carmen Portelli tat il-garanzija meta kienet taf li tezisti garanzija ohra u ghalhekk l-intenzjoni li l-garanzija tkun kongunta ma' dik gja ezistenti.

**Hames eccezzjoni – ghandha tinheles minn garanti skond l-Artikolu 1960 tal-Kodici Civili ghaliex qatt ma tat il-kunsens taghha ghall-helsien ta' Pirella Limited.**

L-Artikolu 1960 tal-Kodici Civili jipprovdi:

> *"Jekk il-kreditur jehles wiehed mill-garanti tieghu minghajr il-kunsens tal-ohrajn, dan il-helsien jiswa lill-garanti l-ohra sas-sehem tal-garanti li jkun gie hekk mehlus."*

Ma jirrizultax li Carmen Portelli ntalbet taghti l-kunsens taghha biex Pirella Limited tinheles minn garanti. Il-fatti li semma l-attur f'paragrafu 3.3.12 tan-nota ta' sottomissjonijiet m'humiex prova li tat il-kunsens ghall-helsien ta' Pirella Limited bhala garanti. Pero' li hu rilevanti hu:

i. Carmen Portelli saret garanti bis-sahha tal-att tas-27 ta' Novembru 1993.
ii. Pirella Limited saret garanti bis-sahha tal-att tat-28 ta' Jannar 2002.

Ghalhekk meta Carmen Portelli saret garanti, Pirella Limited ma kinitx garanti. Ghalhekk il-qorti m'hijiex tal-fehma li l-bank kellu bzonn jitlob il-permess ta' Carmen Portelli qabel jehles lil Pirella Limited. Fil-fehma tal-qorti dan il-provvediment ghandu jigi nterpretat fis-sens li l-kreditur ghandu obbligu li ma jehlisx dawk il-garanti li kien hemm fi zmien li l-garanti, fil-kaz taghna Carmen Portelli, tat il-garanzija u mhux garanti ohra li setghu zdiedu wara. Il-hsieb wara dan il-provvediment hu li l-garanti ma jigi pregudikat bil-helsien ta' garanti ohrajn. Pero' l-pregudizzju jsehh jekk jigi mehlus garanti li kien jezisti fi zmien li Carmen Portelli tat il-garanzija u mhux jekk jigi mehlus garanti li ma kienx jezisti fiz-zmien li Carmen Portelli tat il-garanzija. Dak li nghad fis-sentenza Tonna vs Fava et, jista' japplika wkoll ghal din id-disposizzjoni.

**Sitt eccezzjoni – L-azzjoni ghall-imghax hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(d) tal-Kodici Civili.**

Skond l-Artikolu 2135 tal-Kodici Civili:

> *"It-tagħrif tad-dejn mid-debitur prinċipali,* ***jew kull att ieħor li jikser il-preskrizzjoni kontra dan id-debitur prinċipali, jiswa wkoll bħala ksur tal-preskrizzjoni kontra l-garanti****, bla ħsara, meta l-garanti jkun intrabat in solidum mad-debitur prinċipali, tad-* disposizzjonijiet *tal-artikoli 1100 u 1101."*

Skond ma jinghad fil-kuntratt li bih Carmen Portelli obbligat ruhha garanti, hi ntrabtet *in solidum* mad-debitur. Skond l-Artikolu 1100 tal-Kodici Civili:

> *"L-aċċettazzjoni tad-dejn minn wieħed mid-debituri in solidum, u kull att ieħor li jikser il-preskrizzjoni għall-wieħed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll għad-debituri l-oħra u għall-werrieta tagħhom."*

Mill-atti jirrizulta li:-

i. Fl-4 ta' Dicembru 2009 sar pagament ta' €20,000, li gie mputat ghall-imghax.
ii. Fit-18 ta' Mejju 2010 il-bank ipprezenta ittra ufficjali kontra d-debitur principali li biha nterpellah ihallas il-kapital u l-imghax, u li giet notifikata fit-28 ta' Mejju 2010.
iii. Fil-21 ta' Marzu 2014 giet prezentata l-kawza.

Ghaldaqstant, l-azzjoni ghall-imghax m'hijiex preskritta.

**<u>Seba' eccezzjoni – l-attur ghandu jaghti prova li l-ammont hu dovut.</u>**

Prova li saret minn xhieda u dokumenti li pprezenta l-attur.

Il-konvenut nvokat l-Artikolu 1171 tal-Kodici Civili. Pero' dan il-provvediment ma ssemmiex fit-twegiba guramentata u din il-konvenuta lanqas tat l-eccezzjoni tal-pagament. Kien fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-konvenuta nvokat l-estinzzjoni tal-obbligazzjoni fil-konfront taghha, permezz ta' hlas[11]. Eccezzjonijiet jinghataw fi twegiba guramentata u mhux f'nota ta' sottomissjonijiet. Is-seba' eccezzjoni qatt ma tista' tinftiehem li l-konvenuti kienu qeghdin jinvokaw id-difiza li d-dejn thallas.

F'kull kaz mir-rendikont a fol. 27 il-qorti fehemet li l-hlasijiet kollha li setghu saru, irrispettivament minn min saru, gew imputati ghall-imghax kif wara kollox jipprovdi l-Artikolu 1169 tal-Kodici Civili.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni tal-konvenuti.**
2. **Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.**
3. **Tilqa' l-ewwel u tielet talbiet tas-socjeta attrici, u ghaldaqstant tikkundanna lill-konjugi Portelli jhallsu s-somma ta' zewg miljuni, mitejn u wiehed u sittin elf, seba' mija u disgha u ghoxrin euro u disa' centezmi (€2,261,729.09) bhala kapital, u s-somma ta' miljun, tliet mija u tnax-il elf, hames mija u sitta u erbghin euro u hamsa u disghin centezmu (€1,312,546.95) bhala imghax ikkalkulat sat-30 ta' Settembru 2013, bl-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2013 sad-data tal-pagament effettiv.**

[11] *"89. Illi l-hlas ta' Lm290,000 li jirrizulta li sar mix-xhieda u mid-dokumenti tal-Bank stess ghandhom jigu mputati ghad-dejn garantit mill-konvenuta Carmen Portelli, li jwassal sabiex din tinheles mill-fidejussjoni taghha."*

4. **Tilqa' t-tieni u raba' talbiet tas-socjeta attrici, u ghaldaqstant tikkundanna lill-konvenuta Carmen Portelli sabiex bhala garanti solidali thallas is-somma ta' tliet mija u hamsa u disghin elf, disa' mija u tlieta u disghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€395,993.48) bhala kapital u kif ukoll is-somma ta' elfejn, tlett mija u hamsa u sebghin euro u sitta u disghin centezmu (€2,375.96) bhala imghax ikkalkulat sas-17 ta' Frar 2014, bl-imghax ulterjuri mit-18 ta' Frar 2014 sad-data tal-pagament effettiv.**

   **Spejjez a karigu tal-konjugi Portelli, b'dan li l-ispejjez ta' Carmen Portelli u tat-tielet u raba' talba huma a karigu taghha.**

Anthony Ellul.